32005R1737

22.10.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 279/11

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1737/2005

tal-21 ta' Ottubru 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1726/1999 fir-rigward tad-definizzjoni u t-trasmissjoni ta' l-informazzjoni fuq l-ispejjeż tax-xogħol

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 dwar l-istatistika strutturali tal-qligħ u ta' l-ispejjeż tax-xogħol [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 11 (ii) u (iii) ta' dan,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1726/1999 tas-27 ta' Lulju 1999 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 dwar l-istatistika strutturali tal-qligħ u ta' l-ispejjeż tax-xogħol fir-rigward tad-definizzjoni u t-trasmissjoni ta' l-informazzjoni fuq l-ispejjeż tax-xogħol [2] jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw id-definizzjoni u l-analiżi statistika ta' l-informazzjoni li għandha tingħata u l-format tekniku xieraq għat-trasmissjoni tar-riżultati kif stipulat fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 530/1999.

(2) L-istħarriġ dwar l-ispejjeż tax-xogħol għas-sena ta' referenza 2000 kien l-ewwel stħarriġ ibbażat fuq ir-Regolament (KE) Nru 1726/1999. L-esperjenza b'dan is-servej uriet il-bżonn għal titjib fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1726/1999, sabiex dawn jinġiebu skond id-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1916/2000 tat-8 ta' Settembru 2000 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 li jikkonċerna l-istatistika strutturali tal-qligħ u ta' l-ispejjeż tax-xogħol fir-rigward tad-definizzjoni u t-trasmissjoni ta' l-informazzjoni fuq l-istruttura tal-qligħ [3] u sabiex isir titjib fir-rabtiet bejn id-*data* li tirriżulta mid-diversi servejs dwar id-dħul u l-ispejjeż tax-xogħol kull tieni sena.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1726/1999 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Annessi ta' dan ir-Regolament (KE) Nru 1726/1999 huma mibdula bit-test f' dawn l-Annessi.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummussjoni
Joaquin ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 63, 12.3.1999, p. 6. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 203, 3.8.1999, p. 28.

[3] ĠU L 229, 9.9.2000, p. 3.

ANNESS I

LISTA TAL-VARJABBLI

Statistika strutturali ta' l-ispejjeż tax-xogħol

Tabella A — Informazzjoni nazzjonali

Tabella B — Informazzjoni nazzjonali skond id-daqs ta' l-intrapriża

Tabella C — Informazzjoni reġjonali

Għall-varjabbli elenkati hawn taħt, għandhom ikunu pprovduti jew it-Tabella A biss jew it-tliet tabelli. Il-kunsinna mandatorja hija indikata permezz ta' "m" u l-kunsinna mhux obbligatorja permezz ta' "o". Il-kodiċi tat-trasmissjoni li jappartjenu għall-kategoriji differenti ta' varjabbli kwalitattivi jew id-daqs tal-klassijiet tal-varjabbli kwantitattivi huma stabbiliti mill-Eurostat f'dokument ta' implimentazzjoni.

	Varjabbli	A Biss	A – C [1]
A.	**Numru ta' impjegati**		
A.1	In-numru totali ta' impjegati		m
A.11	Impjegati full-time (eskluż l-apprendisti)		m
A.12	Impjegati part-time (eskluż l-apprendisti)		m
A.121	Impjegati part-time mibdula f'unitajiet full-time (eskluż l-apprendisti)		m
A.13	Apprendisti		m
A.131	Apprendisti mibdula f'unitajiet full-time		m
B.	**Is-siegħat maħduma**		
B.1	Siegħat maħduma mill-impjegati kollha		m
B.11	Siegħat maħduma mill-impjegati full-time (eskluż l-apprendisti)		m
B.12	Siegħat maħduma mill-impjegati part-time (eskluż l-apprendisti)		m
B.13	Siegħat maħduma mill-apprendisti		m
C.	**Is-siegħat imħallsa**		
C.1	Total ta' siegħat imħallsa	m	
C.11	Siegħat imħallsa lill-impjegati full-time (eskluż l-apprendisti)	m	
C.12	Siegħat imħallsa lill-impjegati part-time (eskluż l-apprendisti)	m	
C.13	Siegħat imħallsa lill-apprendisti	m	
D.	**It-total ta' l-ispejjeż tax-xogħol (*għad-dettalji ara l-Figura 1 aktar 'l isfel*)**		
D.1	Kumpens lill-impjegati		m
D.11	Pagi u salarji (*għad-dettalji ara l-Figura 2 aktar 'l isfel*)		m
D.111	Pagi u salarji (eskluż l-apprendisti)		m
D.1111	Ħlas dirett, *bonuses* u *allowances*		m
D.11111	Ħlas dirett, *bonuses* u *allowances* imħallsa f'kull perjodu tal-paga	m	
D.11112	Ħlas dirett, *bonuses* u *allowances* mhux imħallsa f'kull perjodu tal-paga [2]	m	
D.1112	Pagamenti fi skemi ta' tifdil għall-impjegati		m

	Varjabbli	A Biss	A – C ([1])
D.1113	Ħlas għall-ġranet mhux maħduma		m
D.1114	Pagi u salarji mhux bil-flus		m
D.11141	Prodotti tal-kumpanija (*mhux obbligatorja*)	o	
D.11142	Akkomodazzjoni għall-impjegati ([3]) (*mhux obbligatorja*)	o	
D.11143	Karozzi tal-kumpanija (*mhux obbligatorja*)	o	
D.11144	Skemi ta' għażla ta'xiri ta' l-istokks u ta' ishma (*mhux obbligatorja*)	o	
D.11145	Oħrajn (*mhux obbligatorja*)	o	
D.112	Pagi u salarji ta' l-apprendisti		m
D.12	Il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem (*għad-dettalji ara l-Figura 3 aktar 'l isfel*)xix		m
D.121	Il-kontribuzzjonijiet soċjali attwalment imħallsin minn min iħaddem (eskluži l-apprendisti)		m
D.1211	Kontribuzzjonijiet statutorji tas-sigurtà soċjali	m	
D.1212	Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bi qbil kollettiv, kuntrattwali u volontarji	m	
D.122	Il-kontribuzzjonijiet soċjali attribwiti ta' min iħaddem (eskluži l-apprendisti)		m
D.1221	Ħlas garantit f'każ ta' mard (*mhux obbligatorja*)	o	
D.1222	Kontribuzzjonijiet soċjali għall-pensjonijiet u għas-saħħa li huma responsabilità ta' min iħaddem (*mhux obbligatorja*)	o	
D.1223	Ħlasijiet lill-impjegati li jħallu l-intrapriża (*mhux obbligatorja*)	o	
D.1224	Kontribuzzjonijiet soċjali oħra li huma responsabilità ta' min iħaddem (*mhux obbligatorja*)	o	
D.123	Kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem għall-apprendisti		m
D.2	Spejjeż ta' taħriġ vokazzjonali		m
D.3	Spejjeż oħrajn imħallsa minn min iħaddem		m
D.4	Taxxi		m
D.5	Sussidji li jirċievi min iħaddem		m
E.	**Informazzjoni dwar fergħat**		
E.1	Fergħat lokali, univers		m
E.2	Fergħat lokali, kampjun		m

([1]) It-tabelli C huma relevanti biss għall-pajjiżi b'reġjuni NUTS 1.
([2]) Ħlief pagamenti għal skemi ta' tifdil għall-impjegati.
([3]) Ħlief *allowances* għall-ġarr.

Fuq għażla tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jirreġistraw *data* aktar iddettaljata għall-varjabbli li ġejjin (trasmissjoni lill-Eurostat fuq talba biss):

A.11 Impjegati full-time

A.12 Impjegati part-time

D.11112 Ħlas dirett, *bonuses* u *allowances* mhux imħallsa f'kull perjodu ta' paga

D.1113 Ħlas għal ġranet mhux maħduma

D.1211 Kontribuzzjonijiet statutorji tas-sigurtà soċjali

D.1212 Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bi qbil kollettiv, kuntrattwali u volontarji

D.1223 Ħlas lill-impjegati li jħallu l-intrapriża

Figura 1

Spejjeż tax-xogħol u l-komponenti prinċipali tagħhom




Figura 2

Analiżi biċċa biċċa tal-komponent "Pagi u salarji" (D.11)





Figura 3

Analiżi biċċa biċċa tal-komponent "Kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem" (D.12)



ANNESS II

ID-DEFINIZZJONIJIET TAL-VARJABBLI

A. IN-NUMRU TA' IMPJEGATI

L-impjegati huma l-persuni kollha, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom jew mit-tul ta' ħin tax-xogħol tagħhom fil-pajjiż, li għandhom kuntratt dirett ta' impjieg ma' l-intrapriża jew mal-fergħa lokali (kemm jekk il-ftehim huwa formali kemm jekk informali) u li jirċievu ħlas, irrispettivament mit-tip ta' xogħol li jwettqu, min-numru ta' siegħat ta' xogħol (full-time jew part-time) u t-tul tal-kuntratt (definit jew indefinit). Ir-remunerazzjoni ta' l-impjegati tista' tieħu l-forma ta' pagi u salarji inklużi *bonuses*, ħlas għal xogħol imħallas bl-imqietgħa u xogħol bix-*shift, allowances*, kumpens, tipps u flus mogħtija meta wieħed ikun ser jitlaq mill-impjieg, kummissjoni u remunerazzjoni mhux bi flus.

Din id-definizzjoni ta' impjegati tkopri kemm ħaddiema manwali u mhux manwali u anki persunal tat-tmexxija fis-settur privat u f'dak pubbliku f'attivitajiet ekonomiċi kklassifikati fis-Sezzjonijiet C-K u M-O ta' NACE Rev. 1.1 f'intrapriżi li għandhom ta' l-anqas 10 impjegati [1].

Il-lista li ġejja tagħti eżempji ċari ta' kategoriji ta' impjegati li huma *inklużi*:

— rappreżentanti fil-bejgħ, bil-kondizzjoni li dawn ikunu fuq il-lista ta' l-impjegati ta' kumpanija u jirċievu forma oħra ta' remunerazzjoni minbarra kwalunkwe kummissjoni;

— sidien li jaħdmu bi ħlas;

— apprendisti;

— studenti u nies li qed jitħarrġu (skrivana li jagħmlu l-prattika f'uffiċċju ta' avukat, infirmiera li għadhom studenti, assistenti fir-riċerka jew fit-tagħlim, tobba apprendisti fl-isptarijiet, eċċ.) u li għandhom impenn formali li bih jikkontribwixxu għall-proċess tal-produzzjoni tal-fergħa u għal dan jirċievu remunerazzjoni;

— ħaddiema għal żmien definit jew ħaddiema temporanji (per eżempju staff segretarjali) irreklutati, impjegati u remunerati minn aġenziji ta' l-impjiegi biex jaħdmu f'postijiet oħra, sikwit għal perjodi temporanji [2]; ħaddiema ta' l-istaġun u okkażjonali, jekk dawn ikollhom ftehim formali jew informali ma' l-intrapriża jew mal-fergħa lokali u sigħat ta' ħidma definiti minn qabel;

— impjegati li għalihom ikunu ntnefqu spejjeż tax-xogħol fis-sena tar-referenza imma li temporanjament ma kinux ix-xogħol minħabba mard jew feriment, btala jew vaganza, strajk jew *lock-out, leave* għal raġunijiet ta' edukazzjoni jew taħriġ, *leave* tal-maternità jew tal-ġenituri, attività ekonomika mnaqqsa, sospensjoni ta' xogħol minħabba temp ħażin, ħsara fil-makkinarju, nuqqas ta' materjal, fjuwil jew enerġija, jew xi assenza temporanja oħra bil-permess jew mingħajru;

— dawk li jkunu qed jaħdmu barra l-pajjiż jekk ikomplu jirċievu remunerazzjoni mill-fergħa statistika;

— impjegati li jaħdmu barra mill-intrapriża [3], inklużi dawk li jaħdmu mid-dar u ħaddiema li jaħdmu bit-telefon, jekk ikun hemm qbil espliċitu li ħaddiema bħal dawn jitħallsu fuq il-bażi tax-xogħol li jwettqu: jiġifieri, l-ammont ta' xogħol li huwa pprovdut bħala parti mill-proċess ta' produzzjoni.

Il-kategoriji li ġejjin għandhom jiġu *esklużi*:

— rappreżentanti fil-bejgħ u persuni oħra li huma mħallsa totalment permezz ta' kumpens jew kummissjoni, li m'humiex fuq il-lista ta' l-impjegati ta' kumpanija, jew li jaħdmu għal rashom;

— propjetarji, diretturi jew maniġers li r-remunerazzjoni tagħhom hija totalment f'forma ta' sehem mill-qligħ;

— ħaddiema mill-familja li m'humiex impjegati (kif definit aktar 'il fuq) ta' l-intrapriża jew tal-fergħa lokali;

— ħaddiema li jaħdmu għal rashom;

— ħaddiema volontarji li ma jitħallsux (per eżempju dawk li tipikament jaħdmu għal istituzzjonijiet mingħajr qligħ bħal huma dawk tal-karità).

Referenza ESA 95: 11.12 sa 11.14

---

[1] Mhux obbligatorju li tkun koperta s-Sezzjoni L ta' NACE Rev.1.1. Mhux obbligatorju wkoll li jkunu koperti impjegati f'intrapriżi b'anqas minn 10 impjegati. Il-kodiċi tat-trasmissjoni għall-attivitajiet ekonomiċi ta' NACE Rev. 1.1, il-pajjiż jew ir-reġjun skond il-klassifikazzjoni NUTS fis-seħħ u l-klassijiet tad-daqs ta' intrapriżi huma stabbiliti mill-Eurostat f'dokument ta' implimentazzjoni.

[2] Biex jiġi evitat għadd doppju, is-sigħat maħduma minn persuni impjegati minn aġenziji ta' l-impjieg għandhom jiġu inklużi fil-kategorijia NACE ta' l-aġenzija ta' l-impjieg (NACE Rev.1.1, 74.50) u mhux fil-kategorija NACE ta' l-intrapriża li għaliha attwalment jaħdmu.

[3] Ħaddiem li jaħdem barra mill-intrapriża huwa persuna li taqbel li tahdem għal intrapriża partikolari jew li jipprovdi ċertu kwantità ta' oġġetti jew servizzi lill-intrapriża partikolari bi ftehim minn qabel jew fuq kuntratt ma' dik l-intrapriża, imma li l-post tax-xogħol tiegħu mhuwiex fi ħdanha (Referenza ESA 95: 11.13(g)). Is-sigħat attwalment maħduma minn ħaddiema barra mill-intrapriża jistgħu jiġu stmati.

A.1 *It-total ta' impjegati*

Dan il-varjabbli jkopri impjegati full-time (A.11), impjegati part-time (A.12) u apprendisti (A.13)

Referenza SBS: kodiċi 16130 (numru ta' impjegati)

A.11 *Impjegati full-time (esklużi l-apprendisti)*

Dan ikopri l-impjegati (esklużi l-apprendisti) li jaħdmu n-numru ta' sigħat miftiehma kollettivament jew is-sigħat skond il-konswetudni fl-intrapriża jew il-fergħa lokali, anke jekk il-kuntratt tagħhom hu ta' anqas minn sena. In-numru ta' impjegati meħtieġa huwa l-medja tan-numru ta' impjegati full-time ta' kull xahar li jaħdmu fil-fergħa li qed tagħmel ir-rapport matul is-sena ta' referenza.

A.12 *Impjegati part-time (esklużi l-apprendisti)*

Dan ikopri l-impjegati (esklużi l-apprendisti) li jaħdmu anqas min-numru ta' sigħat miftiehma kollettivament jew is-sigħat skond il-konswetudni fl-intrapriża jew il-fergħa lokali, sew jekk ta' kull jum, ta' kull ġimgħa jew ta' kull xahar (nofs ta' nhar, tliet kwarti ta' jum, erbgħa minn ħames partijiet ta' ġurnata, eċċ.) In-numru ta' impjegati meħtieġa huwa l-medja tan-numru ta' impjegati part-time ta' kull xahar li jaħdmu fil-fergħa li qed tagħmel ir-rapport matul is-sena ta' referenza.

A.121 *Imjegati part-time mibdula f'unitajiet full-time*

Din il-bidla trid titwettaq jew direttament mill-intrapriżi jew fergħat lokali li qed jagħmlu dħul jew mill-aġenzija tal-ġbir / mill-istitut nazzjonali ta' l-istatistika skond in-numru normali ta' sigħat ta' xogħol ta' l-impjegati full-time f'din l-intrapriża / fergħa lokali, billi jużaw il-metodu li jaħsbu li hu l-aktar adattat. In-numru ta' impjegati meħtieġa huwa l-medja tan-numru ta' impjegati part-time ta' kull xahar (mibdula f'unitajiet full-time) li jaħdmu fil-fergħa li qed tagħmel ir-rapport matul is-sena ta' referenza.

Referenza ESA 95: 11.32 sa 11.34

A.13 Apprendisti

Dan ikopri l-impjegati kollha, full-time jew part-time, li għadhom ma jiħdux sehem b'mod sħiħ fil-proċess tal-produzzjoni u li jaħdmu jew b'kuntratt ta' apprendistat jew f'sitwazzjoni fejn it-taħriġ vokazzjonali jingħata aktar importanza mill-produttività. In-numru ta' apprendisti meħtieġa huwa l-medja tan-numru ta' apprendisti ta' kull xahar impjegati fil-fergħa li qed tagħmel ir-rapport matul is-sena ta' referenza.

A.131 Apprendisti part-time mibdula f'unitajiet full-time

Din il-bidla trid titwettaq jew direttament mill-intrapriża jew fergħa lokali li qed jagħmlu dħul jew mill-aġenzija tal-ġbir / mill-istitut nazzjonali ta' l-istatistika, billi jużaw il-metodu li jaħsbu li hu l-aktar xieraq. Is-sigħat li jitqattgħu f'taħriġ jew fl-intrapriża / fil-fergħa lokali jew fi stabbilimenti ta' l-edukazzjoni għandhom jiġu esklużi. In-numru ta' apprendisti meħtieġa huwa l-medja tan-numru ta' apprendisti part-time ta' kull xahar (mibdula f'unitajiet full-time) impjegati fil-fergħa li qed tagħmel ir-rapport matul is-sena ta' referenza ([1]).

Referenzi ESA 95: 11.32 sa 11.34; SBS: kodiċi 16140 (A.11 + A.121 + A.131 jikkorrispondi għall-varjabbli SBS "numru ta' impjegati f'unitajiet full-time")

B. SIGĦAT ATTWALMENT MAĦDUMA

L-istatistika tkopri t-total tas-sigħat maħduma mill-impjegati kollha matul is-sena[3]. It-total tas-sigħat attwalment maħduma (B.1) huwa ddokumentat b'mod separat għall-impjegati full-time (B.11), għall-impjegati part-time (B.12) u għall-apprendisti (B.13).

Is-sigħat attwalment maħduma huma definiti bħala s-somma tal-perjodi kollha mgħoddija fuq attivitajiet diretti u anċillari biex jiġu prodotti oġġetti u servizzi.

Is-sigħat attwalment maħduma *jinkludu*:

— is-sigħat maħduma matul perjodi normali ta' xogħol;

— perjodi ta' sahra mħallsa, jiġifieri sigħat maħduma flimkien mas-sigħat normali tax-xogħol, irrispettivament mir-rata ta' ħlas bis-siegħa li tiġi applikata (per eżempju siegħa maħduma b'rata ta' ħlas bis-siegħa li tkun iddoppju ta' dik imħallsa normalment għandha titniżżel bħala siegħa waħda);

— perjodi ta' sahra mingħajr ħlas ([2]);

— ħin mgħoddi fuq xogħlijiet bħal: il-preparazzjoni tax-xogħol u tas-sît; il-preparazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija u t-tindif ta' għodda u magni; il-kitba ta' rċevuti u fatturi; il-kitba tal-karti tax-xogħol u rapporti, eċċ;

([1]) Jekk ikun preferut, il-medja tista' tiġi bbażata fuq in-numru ta' impjegati ta' kull ġimgħa (jew ta' kuljum) matul is-sena ta' referenza. Medja bbażata fuq figuri ta' kull tliet xhur dwar l-impjegati hija wkoll permessa.

([2]) Sigħat mhux imħallsa maħduma bħala komponent ta' "sigħat attwalment maħduma" ħafna drabi jridu jiġu stmati, per eżempju minn data ta' stħarriġ magħruf.

— ħin mgħoddi fuq il-post tax-xogħol li matulu ma jsir l-ebda xogħol minħabba, per eżempju, ħsara fil-magni, inċidenti jew nuqqas okkażjonali ta' xogħol iżda li jitħallas skond il-kuntratt ta' l-impjieg;

— żmien qasir ta' mistrieħ fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-waqfiet għat-tè u għall-kafè;

— sigħat mgħoddija f'taħriġ kemm fl-intrapriża / il-fergħa lokali jew fi stabbilimenti għall-edukazzjoni (dan il-punt huwa eskluż għall-apprendisti).

Madankollu, is-sigħat attwalment maħduma *jeskludu* dawn li ġejjin:

— sigħat imħallsa imma mhux maħduma, per eżempju: btajjel / vaganzi bil-ħlas, festi pubbliċi, assenza minħabba mard, *leave* tal-maternità, eċċ.;

— sigħat mhux maħduma u mhux imħallsa, per eżempju, matul mard u maternità, eċċ;

— sigħat mhux maħduma (kemm jekk bi ħlas u kemm jekk le) matul *leave* speċjali minħabba eżaminazzjonijiet mediċi, żwieġ, funerali, ġarr għal dar ġdida, wara xi inċident, eċċ;

— il-waqfiet prinċipali għall-ikel (jiġifieri mhux perjodi qosra ta' mistrieħ jew waqfiet ta' rikreazzjoni);

— sigħat mhux maħduma (kemm jekk bi ħlas u kemm jekk le) matul ġranet qosra ta' xogħol, kwistjonijiet marbuta ma' l-impjieg, *lock-outs*, eċċ;

— ħin mgħoddi mill-impjegat fl-ivvjaġġar bejn id-dar u l-post tax-xogħol;

— sigħat mgħoddija mill-apprendisti f'taħriġ jew fl-intrapriża / fil-fergħa lokali jew fi stabbilimenti għall-edukazzjoni.

Referenzi ESA 95: 11.26 sa 11.29; SBS: kodiċi 16150 (numru ta' sigħat maħduma mill-impjegati)

C. SIGĦAT IMĦALLSA

Dan il-varjabbli jkopri n-numri totali ta' sigħat imħallsa matul is-sena. In-numru totali ta' sigħat imħallsa (C.1) huwa ddokumentat b'mod separat għall-impjegati full-time (C.11), għall-impjegati part-time (C.12) u għall-apprendisti (C.13).

In-numru annwali ta' sigħat imħallsa huwa definit kif ġej:

— is-sigħat normali u ta' sahra mħallsa matul is-sena;

— sigħat kwalunkwe li għalihom l-impjegat tħallas b'rata mnaqqsa, anke jekk id-differenza tħallset bi ħlas minn fondi tas-sigurtà soċjali;

— is-sigħat mhux maħduma matul il-perjodu ta' referenza imma li tħallsu xorta waħda (btajjel/vaganza annwali, assenza minħabba mard, festi pubbliċi u sigħat oħra mħallsa, inkluż ħin liberu għal eżaminazzjonijiet mediċi, twelid, żwieġ, funerali, ġarr għal dar ġdida, eċċ).

Il-kalkolu ta' sigħat attwalment maħduma fis-sena u s-sigħat imħallsa fis-sena

Dawn il-kalkoli għandhom jitwettqu jew direttament mill-intrapriżi jew mill-fergħat lokali li qed jagħmlu dħul jew mill-aġenziji tal-ġbir / istituti nazzjonali ta' l-istatistika, billi jużaw il-metodu li jaħsbu li hu l-aktar xieraq. Il-mudelli li ġejjin juru kif jistgħu jiġu stmati s-sigħat attwalment maħduma u s-sigħat imħallsa, billi tintuża informazzjoni li hija disponibbli.

Sigħat attwalment maħduma kull sena għall-impjegati full-time (B.11)

Assumi li l-informazzjoni għall-varjabbli elenkati hawn isfel hija disponibbli:

(A.11) Il-medja ta' kull xahar ta' impjegati full-time

(a) Medja annwali tas-sigħat kuntrattwali normali ta' impjegat full-time, esklużа s-sahra u l-waqfiet prinċipali għall-ikel

(b) Medja annwali tas-sahra (kemm bi ħlas u kemm mingħajr ħlas) ta' impjegat full-time

(c) Medja tas-sigħat kuntrattwali *ta' kull jum* flimkien mas-sahra maħduma minn impjegat full-time, esklużi l-waqfiet prinċipali għall-ikel

(d) Medja annwali ta' ġranet ta' btajjel / vaganzi għal kull impjegat full-time, mogħtija minn min iħaddem

(e) Medja annwali tal-ġranet ta' festi pubbliċi uffiċjali għal kull impjegat full-time

(f) Medja annwali tal-ġranet ta' mard u *leave* tal-maternità għal kull impjegat full-time

(g) Medja annwali ta' ġranet qosra ta' xogħol u kwistjonijiet marbuta ma' l-impjieg għal kull impjegat full-time

(h) Medja annwali ta' ġranet oħra mhux attwalment maħduma għal kull impjegat full-time (per eżempju *leave* speċjali għal eżaminazzjonijiet mediċi, twelid, żwieġ, funerali, ġarr għal dar ġdida, wara xi inċident, eċċ).

In-numru totali annwali ta' *sigħat maħduma* minn impjegati full-time (qabel il-korrezzjonijiet għal ġranet mhux attwalment maħduma) jirriżulta li huwa (A.11) * (a + b). Jekk wieħed inaqqas in-numru totali annwali ta' *sigħat mhux attwalment maħduma* li huwa definit minn (A.11) * c * (d + e + f + g + h) wieħed jikseb (B.11), it-total annwali ta' *sigħat attwalment maħduma* minn impjegati full-time:

(B.11) = (A.11) * [(a + b) - c (d + e + f + g + h)].

Sigħat maħduma attwalment kull sena għall-impjegati part-time (B.12) u għall-apprendisti (B.13)

Mudelli simili jistgħu jintużaw għall-kalkolu ta' sigħat maħduma minn impjegati part-time u minn apprendisti.

Sigħat imħallsa fis-sena għall-impjegati full-time (C.11)

Fejn hemm informazzjoni disponibbli għall-varjabbli elenkati hawn isfel

(A.11) Il-medja ta' kull xahar ta' impjegati full-time

(a1) Il-medja annwali ta' sigħat imħallsa skond il-kuntratt ta' impjegat full-time, esklużа s-sahra u l-waqfiet prinċipali għall-ikel

(b1) Il-medja annwali ta' sigħat ta' sahra mħallsa ta' impjegat full-time

in-numru totali *annwali* ta' *sigħat imħallsa* għall-impjegati full-time huwa mogħti permezz ta' din l-ekwazzjoni

(C.11) = (A.11) * (a1 + b1).

Sigħat imħallsa fis-sena għall-impjegati part-time (C.12) u għall-apprendisti (C.13)

Jistgħu jintużaw mudelli simili għall-kalkolu ta' sigħat imħallsa għall-impjegati part-time u għall-apprendisti.

D. SPEJJEŻ TAX-XOGĦOL

L-ispejjeż tax-xogħol ifissru l-infiq totali li jġorr min iħaddem sabiex jimpjega l-ħaddiema, kunċett li ġie adottat fl-istruttura tal-Komunità u li jaqbel b'mod ġenerali mad-definizzjoni internazzjonali tal-Konferenza Internazzjonali ta' l-Istudjuži ta' l-Istatistika dwar ix-Xogħol (Ġinevra, 1966). L-ispejjeż tax-xogħol jinkludu l-kumpens ta' l-impjegati (D.1) b'pagi u salarji bil-flus jew mhux bil-flus u l-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem, l-ispejjeż tat-taħriġ vokazzjonali (D.2), infiq ieħor (D.3), taxxi dwar l-impjieg ikkunsidrati bħala spejjeż tax-xogħol (D.4), nieqes kull sussidju riċevut (D.5). L-ispejjeż ta' persuni impjegati minn aġenziji ta' l-impjieg temporanju għandhom jiġu inklużi fl-industrija ta' l-aġenzija li timpjegahom (NACE Rev. 1.1, 74.50) u mhux fl-industrija ta' l-intrapriża li għaliha attwalment jaħdmu.

Ħarsa ħafifa lejn analiżi ta' l-ispejjeż totali tax-xogħol maqsuma f'komponenti hija pprovduta fil-Figuri 1 sa 3 fl-Anness I.

D.1 *Il-kumpens ta' l-impjegati*

Id-definizzjoni tal-kumpens ta' l-impjegati hija r-remunerazzjoni totali, bil-flus jew mhux bil-flus, imħallsa minn min iħaddem lill-impjegat għal xogħol magħmul minn dan ta' l-aħħar matul il-perjodu ta' referenza. Din tinqasam kif ġej:

— pagi u salarji (D.11), li jikkonsistu l-aktar f'pagi u salarji (esklużi l-apprendisti) (D.111) u pagi u salarji ta' l-apprendisti (D.112).

— il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem (D.12), li jikkonsistu l-aktar mill-kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem (esklużi l-apprendisti) (D.121), il-kontribuzzjonijiet soċjali li huma responsabilità ta' min iħaddem (esklużi l-apprendisti) (D.122) u l-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem għall-apprendisti (D.123).

Referenzi ESA 95: 4.02 (kodiċi D.1), SBS: kodiċi 13310 (l-ispejjeż tal-persunal)

D.11 *Pagi u salarji*

Il-pagi u s-salarji jinkludu *bonuses*, ħlas għal xogħol imħallas bl-imqietgħa u għal xogħol bix-*shift*, *allowances*, kumpens, tipps u flus mogħtija meta wieħed ikun ser jitlaq mix-xogħol, kummissjoni u remunerazzjoni b'oġġetti. Dawn huma ddokumentati fil-perjodu li matulu jsir ix-xogħol. Madankollu, *bonuses ad hoc* jew pagamenti eċċezzjonali oħra (paga tat-13-il xahar, arretrati ta' paga mħallsa b'1ura, eċċ.) jiġu ddokumentati meta jiġu biex jitħallsu.

Analiżi sħiħa ta' pagi u salarji maqsuma f'komponenti hija pprovduta fil-Figura 2 fl-Anness I.

Referenzi ESA 95: 4.03 sa 4.07 u 4.12(a) (kodiċi D.11); SBS: kodiċi 13320 (pagi u salarji)

D.111 *Pagi u salarji (eskluži l-apprendisti)*

D.1111 *Ħlas dirett, bonuses u allowances*

Ħlas dirett, *bonuses* u *allowances* jinkludu l-valuri ta' kull kontribuzzjoni soċjali, taxxi fuq id-dħul, eċċ., li jitħallsu mill-impjegat anke jekk dawn attwalment jinżammu minn min iħaddem u jitħallsu direttament fi skemi ta' sigurtà soċjali, lill-awtoritajiet tat-taxxa, eċċ. f'isem l-impjegat.

Bonus huwa forma ta' premju jew rikonoxximent mogħti minn min iħaddem. Meta impjegat jirċievi ħlas *bonus*, m'hemm l-ebda stennija jew suppożizzjoni li l-*bonus* ser jintuża biex ikopri xi spiża speċifika. Il-valur u ż-żmien ta' ħlas *bonus* jistgħu jiġu deċiżi skond kif jidhirlu min iħaddem jew jistgħu jiġu stipulati fi ftehimiet fuq il-post tax-xogħol.

Allowance huwa dritt mogħti minn min iħaddem lill-impjegat u huwa maħsub biex ikopri spiża speċifika, mhux relatata max-xogħol, li tkun intnefqet mill-impjegat. Ħafna drabi dan ikun stipulat fi ftehimiet fuq il-post tax-xogħol u normalment jitħallas fiż-żmien li wieħed ikun intitulat għalih.

D.11111 *Ħlas dirett, bonuses u allowances imħallsa f'kull perjodu ta' paga*

Dan ifisser remunerazzjoni fil-forma ta' pagament regolari bi flus imħallsa regolarment f'kull perjodu ta' paga matul is-sena. Għal ħafna mill-impjegati, il-perjodu ta' paga huwa ta' kull ġimgħa jew ta' kull xahar. Għalhekk, pagamenti rċevuti b'mod anqas frekwenti (kull xahar fil-każ ta' pagamenti regolari ta' kull ġimgħa, kull tliet xhur, kull sitt xhur, kull sena) jew fuq bażi *ad hoc* m'għandhomx jiġu inklużi hawnhekk. Pagamenti fi skemi tifdil għall-impjegati għandhom jiġu eskluži hawn u għandhom jiġu inklużi taħt D.1112.

B'mod speċifiku, il-varjabbli jirreferi għal:

— pagi u salarji bażiċi;

— ħlas dirett kalkolat skond il-ħin maħdum, il-produzzjoni jew ix-xogħol bl-imqietgħa u mħallas lill-impjegati għas-sigħat maħduma;

— remunerazzjoni u pagamenti addizzjonali għal sahra, xogħol bil-lejl, xogħol fil-Ħdud u f'festi pubbliċi, u xogħol bix-*shift*;

— *bonuses* u *allowances* imħallsa regolarment f'kull perjodu ta' paga, bħal:

  — *bonuses* tal-post tax-xogħol għal ħsejjes, riskju, xogħol diffiċli, xogħol bix-*shift* jew kontinwu, xogħol bil-lejl u xogħol fil-Ħdud u f'festi pubbliċi;

  — *bonuses* għal rendiment individwali, *bonuses* għall-produzzjoni, għal-livell tal-produzzjoni, għar-responsabbilità, għall-għaqal, għall-puntwalità; *bonuses* imħallsa regolarment għalservizz twil; għall-kwalifikazzjonijiet u għal għarfien speċjali.

Aktar eżempji ta' kategoriji ta' paga li għandhom jiġu inklużi hawnhekk huma pprovduti fl-Appendiċi ma' l-Anness II.

Il-varjabbli D.11111 jirreferi għal ammonti totali qabel it-tnaqqis tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jitħallsu mill-impjegati.

D.11112 *Ħlas dirett, bonuses u allowances mhux imħallsa f'kull perjodu ta' paga*

Il-pagamenti kollha lill-impjegati li mhumiex imħallsa regolarment f'kull perjodu ta' paga (ta' kull ġimgħa jew ta' kull xahar). Dawn jinkludu *bonuses* u *allowances* imħallsa f'perjodi fissi (per eżempju mħallsa kull xahar fejn il-pagamenti regolari jkunu mħallsa darba fil-ġimgħa, jew imħallsa kull tliet xhur, kull sitt xhur jew kull sena), u *bonuses* marbuta ma' rendiment individwali jew kollettiv. Pagamenti eċċezzjonali lill-impjegati li jħallu l-intrapriża huma inklużi hawnhekk, bil-kondizzjoni li dawn il-pagamenti *ma jkunux* marbuta ma' ftehim kollettiv. Jekk ma tkun teżisti l-ebda informazzjoni dwar rabta possibbli ma' ftehim kollettiv jew jekk ikun magħruf li teżisti tali rabta, il-pagamenti eċċezzjonali għal-*leave* huma hawnhekk eskluži u għandhom jiġu inklużi taħt D.1223. Pagamenti għal skemi ta' tifdil għall-impjegati huma eskluži wkoll u koperti minn D.1112.

Eżempji ta' kategoriji ta' paga li jagħmlu parti minn D.11112 huma elenkati fl-Appendiċi ma' l-Anness II.

Bl-istess mod il-varjabbli D.11112 jirreferi għall-ammonti totali qabel it-tnaqqis tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jitħallsu mill-impjegati.

D.1112 *Pagamenti għal skemi ta' tifdil għall-impjegati*

Dan jirreferi għal somom imħallsa fi skemi ta' tifdil għall-impjegati (bħalma huma skemi ta' tifdil tal-kumpanija).

Referenza ESA 95: 4.03(i)

D.1113 *Ħlas għal ġranet mhux maħduma*

Remunerazzjoni mħallsa għal-*leave* statutorju, kuntrattwali jew mogħti volontarjament u għall-festi pubbliċi jew ġranet oħra mħallsa iżda mhux maħduma. L-Appendiċi ma' l-Anness II jipprovdi eżempji.

D.1114 *Pagi u salarji mhux bi flus*

Dan il-varjabbli jirreferi għal stima tal-valur ta' l-oġġetti u s-servizzi kollha li jingħataw lill-impjegati mill-intrapriża jew mill-fergħa lokali. Dan jinkludi prodotti tal-kumpanija, akkomodazzjoni għall-impjegati, karozzi tal-kumpanija, skemi ta' għażla ta' -xiri ta' stokks u ta' ishma. Jekk tkun disponibbli l-informazzjoni dwar it-taxxa tad-dħul personali fuq pagi u salarji mhux bil-flus, din tista' tintuża bħala prokura.

L-Appendiċi ma' l-Anness II jagħti eżempji ta' pagi u salarji mhux bil-flus.
Referenza ESA 95: 4.04, 4.05, 4.06 (kodiċi D.11)

D.11141 *Prodotti tal-kumpanija*

Dawn huma pprovduti b'xejn għall-użu privat jew jinbiegħu lill-impjegati bi prezz anqas milli jiswew lill-intrapriża. Per eżempju, ikel u xorb (eskluži l-infiq f'*canteens* u *vouchers* ta' l-ikel), faħam, gass, dawl, karburanti, sistemi tat-tisħin, żraben u ħwejjeġ (eskluż l-ilbies tax-xogħol), *micro-computers*, eċċ.

Għandu jiddaħħal il-prezz nett għall-intrapriża, jiġifieri kemm jiswew il-prodotti pprovduti b'xejn jew id-differenza bejn kemm jiswew dawn il-prodotti u l-prezz li bih jinbiegħu lill-impjegati. Pagamenti bħala kumpens jew benefiċċji f'oġġetti li ma jittieħdux iridu jiddaħħlu wkoll.

D.11142 *Akkomodazzjoni għall-impjegati*

Dan jirreferi għall-infiq ta' l-intrapriża fl-għajnuna ta' akkomodazzjoni għall-impjegati, inklużi: infiq fuq akkomodazzjoni ta' l-intrapriża (infiq fuq il-manutenzjoni u l-amministrazzjoni ta' l-akkomodazzjoni, u t-taxxa u l-assigurazzjoni relatati ma' l-akkomodazzjoni) u self b'rata baxxa ta' mgħax għall-kostruzzjoni jew għax-xiri ta' akkomodazzjoni mill-impjegati (id-differenza bejn ir-rata ta' mgħax fuq is-suq u r-rata għall-impjegati), *allowances* u sussidji mogħtija lill-impjegati għall-akkomodazzjoni, u l-installazzjoni, imma eskluži l-*allowances* għall-ġarr.

D.11143 *Karozzi tal-kumpanija*

Karozzi tal-kumpanija, jew l-ispiża lill-intrapriża ta' karozzi tal-kumpanija mogħtija lill-impjegati għall-użu privat tagħhom. Dan għandu jinkludi l-ispejjeż netti tal-manteniment li jintnefqu mill-intrapriża (il-prezz annwali tal-kiri u l-pagamenti ta' l-interessi – id-deprezzament, l-assigurazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiswijiet u l-ipparkjar). Dan m'għandux jinkludi l-infiq kapitali involut għax-xiri tal-vetturi jew xi dħul li jirriżulta mill-bejgħ tagħhom.

L-istimi għandhom jinħadmu skond l-informazzjoni disponibbli fl-intrapriżi, per eżempju d-dokumentazzjoni tal-grupp tal-vetturi ta' dan it-tip, l-istima tal-prezz medju għal kull vettura, u l-istima tal-proporzjon attribwibbli għall-użu privat tal-vettura mill-impjegat.

D.11144 *Skemi ta' għażla ta' xiri ta'stokks u ta' ishma*

Din il-varjabbli mhux obbligatorja tirreferi għall-forom kollha ta' pagamenti mhux fi flus li huma marbuta ma' kumpens ibbażat fuq ishma. L-għażla ta'xiri ta' stokks, skemi ta' xiri ta' ishma u strumenti oħra azzjonarji li possibilment jevolvu fil-futur jagħmlu parti minn din il-kategorija. Karatteristika tipika ta' dawn l-istrumenti hija li huma *equity-settled*, jiġifieri li dawn jirrappreżentaw trasferiment ta' strumenti azzjonarji mill-intrapriża / fergħa lokali lill-impjegat. Il-forom ta' kumpens koperti minn D11144 huma identiċi għal dawk koperti mit-titolu "Tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq ishma *equity-settled*" ta' l-Istandard 2 tar-Rapportar Finanzjarju Internazzjonali "Pagament ibbażat fuq ishma".

Skemi ta' xiri ta' ishma tipikament jittrasferixxu ishma mill-intrapriża li tħaddem lill-impjegati għal għand l-impjegati nfushom. It-trasferiment isir fil-preżent (id-data ta' l-għotja) u huwa bbażat fuq prezz aktar baxx mill-prezz tas-suq tal-lum (*strike price*). L-ispejjeż għall-intrapriża huma ekwivalenti għall-multiplikazzjoni ta' l-ammont ta' ishma mad-differenza bejn il-prezz tas-suq u l-"*strike price*".

Skemi ta' għażla ta' xiri ta' stokks tipikament jittrasferixxu d-dritt li jinxtraw l-ishma ta' l-intrapriża li tħaddem lill-impjegati mhux qabel żmien definit sew fil-futur (*vesting date*) għal "*strike price*" favorevoli diġà ffissat fil-preżent (id-data ta' l-għotja). L-impjegati jagħmlu użu minn dan id-dritt biss jekk il-prezz tas-suq fil-*vesting date* jew warajha jaqbeż l-"*strike price*". L-ispejjeż għall-intrapriża huma għal darb'oħra ekwivalenti għall-multiplikazzjoni ta' l-ammont ta' ishma mad-differenza bejn il-prezz tas-suq u l-"*strike price*". Kemm fl-istatistika u kemm fil-kontabilità ta' l-ispejjeż tax-xogħol, l-ispejjeż huma assenjati u mqassma matul il-"*vesting period*", li huwa l-perjodu bejn id-data ta' l-għotja u l-*vesting date*. Dawn il-valuri ma jkunux magħrufa fiċ-ċert matul il-*vesting period* u għalhekk għandhassir stima tagħhom.

Stima tal-varjabbli D.11144 għas-sena tar-referenza tista' idealment tintlaħaq bl-għajnuna tal-linji ta' gwida mill-Istandard 2 tar-Rapportar Finanzjarju Internazzjonali, "Pagament ibbażat fuq l-ishma". Jekk din l-istima ma tkunx disponibbli, jistgħu jittieħdu valuri skond l-istandards tal-kontabilità jew skond ir-regolament tat-taxxa ta' l-Istat Membru, bil-kondizzjoni li dawn ikopru l-istrumenti ta' l-investiment ta' D.11144 u jirreferu għall-perjodu tar-referenza tas-Servej ta' l-Ispiża tax-xogħol.

Pagamenti li jsiru biex jitwaqqaf fond speċjali għax-xiri ta' ishma tal-kumpanija għall-impjegati, anke jekk dawn ma jkollhomx aċċess immedjat għal dawn l-assi, irid jitnaqqsilhom l-ammont ta' kwalunkwe eżenzjoni ta' taxxa li tista' tapplika għalihom. Kumpens ibbażat fuq ishma u saldat bil-flus bħalma huma drittijiet ta' *stock-appreciation* m'humiex koperti mill-varjabbli D.11144, imma minn D.11112.

D.11145 *Oħrajn*

Dan ikopri b'mod partikolari benefiċċji indiretti li jitħallsu minn min iħaddem:

— *canteens* u *vouchers* ta' l-ikel;

— faċilitajiet u servizzi kulturali, ta' l-isport u għall-ħin liberu;

— *kindergartens* u *nurseries* għal matul il-ġurnata;

— ħwienet għall-impjegati;

— spejjeż tat-trasport għall-vjaġġi bejn id-dar u l-post tax-xogħol tas-soltu;

— pagamenti għall-fondi tat-*trade union* u l-ispejjeż tal-kumitati tax-xogħlijiet.

Dan l-infiq kollu jinkludi tiswijiet żgħar u manutenzjoni regolari ta' bini u installazzjonijiet użati għas-servizzi u l-faċilitajiet soċjali, kulturali jew għall-ħin liberu kif elenkati hawn fuq. Salarji u pagi mħallsa mill-intraprizà direttament lill-impjegati li jaħdmu f'dawn is-servizzi u faċilitajiet mhumiex imdaħħla taħt it-titolu tal-varjabbli D.11145.

D.112 *Pagi u salarji ta' l-apprendisti*

Ara D.11.

D.12 *Il-kontribzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem*

Din il-varjabbli tirreferi għal ammont ugwali għall-valur tal-kontribuzzjonijiet soċjali li ntnefqu minn min iħaddem sabiex jiżguraw li l-impjegati tagħhom ikunu intitolati għall-vantaġġi soċjali. Il-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem jistgħu jkunu jew attwali jew attribwiti.

Analiżi shiħa tal-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem għal kull komponent hija pprovduta fil-Figura 3 fl-Anness I.

Referenzi ESA 95: 4.08 (kodiċi D.12); SBS: kodiċi 13330 (spejjeż tas-sigurtà soċjali)

D.121 *Il-kontribuzzjonijiet soċjali attwalment imħallsa minn min iħaddem (eskluż l-apprendisti)*

Dawn huma l-pagamenti magħmula minn min iħaddem għall-benefiċċju ta' l-impjegati tagħhom lill-assiguraturi (fondi tas-sigurtà soċjali u skemi privati bħal skemi ta' pensjoni okkupazzjonali). Dawn il-pagamenti jkopru l-kontribuzzjonijiet statutorji, konvenzjonali, kuntrattwali u volontarji fir-rigward tas-sigurtà kontra riskji jew bżonnijiet soċjali. Il-kontribuzzjonijiet soċjali attwalment imħallsa minn min iħaddem huma ddokumentati matul il-perjodu li fih isir ix-xogħol.

L-Appendiċi ma' l-Anness II jipprovdi xi eżempji.

Referenza ESA 95: 4.09 (kodiċi D.121) u 4.12(b)

D.1211 *Kontribuzzjonijiet statutorji tas-sigurtà soċjali*

Il-kontribuzzjonijiet imħallsa lill-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jitħallsu minn min iħaddem u li saru obbligatorjibil-liġi. Is-somom ta' dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu ddokumentati netti minn kull sussidju. Dawn jinkludu:

— kontribuzzjonijiet fi skemi ta' assigurazzjoni għall-pensjoni, mard, maternità u diżabilità;

— kontribuzzjonijiet statutorji fi skemi ta' assigurazzjoni għall-qgħad;

— kontribuzzjonijiet statutorji fi skemi ta' assigurazzjoni għall-inċidenti u l-mard fuq il-post tax-xogħol;

— kontribuzzjonijiet statutorji fi skemi ta' *allowance* għall-familji;

— il-kontribuzzjonijiet statutorji kollha li mhux imsemmija xi mkien ieħor.

D.1212 *Kontribuzzjonijiet ta'sigurtà soċjali kuntrattwali, volontarji jew bi ftehim kollettiv mħallsa minn min iħaddem*

Dawn huma kollha kontribuzzjonijiet imħallsa minn min iħaddem fi skemi ta'sigurtà soċjali li huma supplementari għal dawk obbligatorji bil-liġi. Għandhom jitqiesu eżenzjonijiet mit-taxxa li jistgħu japplikaw. Dawn jinkludu:

— skemi supplementari ta' pensjoni, skemi ta' pensjoni okkupazzjonali (pjanijiet assigurati, fondi taħt amministrazzjoni personali, riżervi għall-kotba jew provvedimenti, kull infiq ieħor maħsub għall-finanzjament ta' skemi supplementari ta' pensjoni);

— skemi supplementari ta' assigurazzjoni għall-mard;

— skemi supplementari ta' assigurazzjoni għall-qgħad;

— l-iskemi supplementari ta' sigurtà soċjali l-oħra kollha li mhumiex obbligatorji u li mhumiex imsemmija xi mkien ieħor.

D.122 *Il-kontribuzzjonijiet soċjali attribwiti ta' min iħaddem (esklużi l-apprendisti)*

Il-kontribuzzjonijiet soċjali attribwiti ta' min iħaddem huma neċessarji sabiex wieħed jikseb kejl sħiħ ta' l-ispejjeż tax-xogħol fiż-żmien li fih isir ix-xogħol. Dawn jirrappreżentaw il-kontroparti tal-benefiċċji soċjali mħallsa li jistgħu jiġu osservati u li mhumiex iffinanzjati.

Benefiċċji soċjali mhux iffinanzjati jitħallsu direttament minn min iħaddem lill-impjegati tagħhom jew lill-impjegati preċedenti tagħhom u lill-persuni oħra eliġibbli mingħajr rabtiet ma' fond tas-sigurtà soċjali, intrapriża ta' l-assigurazzjoni jew fond awtonomu tal-pensjoni, u mingħajr it-twaqqif ta' fond speċjali jew riżerva għaliha għal dan il-għan. Minflok, il-benefiċċji jitħallsu mill-istess riżorsi ta' min iħaddem u li joperaw skemi li mhux iffinanzjati. Il-fatt li ċerti benefiċċji soċjali jitħallsu direttament minn min iħaddem, u mhux permezz ta' fondi tas-sigurtà soċjali jew assiguraturi oħra, ma jaffettwalhomx in-natura tagħhom ta' benefiċċji soċjali. D.122 tista' tkun partikolarment relevanti meta min iħaddem ma jkunx produttur tas-suq (mis-settur tal-gvern).

L-ammont ta' D.122 huwa ddeterminat b'referenza għall-obbligazzjonijiet futuri ta' min iħaddem li jipprovdi benefiċċji soċjali. Is-sors ideali biex ikun ikkalkulat id-D.122 għal min iħaddem u jopera skemi ta' assigurazzjoni soċjali li mhumiex iffinanzjati, huwa li jkun hemm stimi bbażati fuq konsiderazzjonijiet attwarjali. Jekk dawn il-konsiderazzjonijiet attwarjali ma jkunux disponibbli, għandhom jiġu applikati metodi oħra ta' stima. Ċerti pajjiżi, per eżempju, bħala stima għal D. 122 jużaw il-benefiċċji soċjali mħallsa li jistgħu jiġu osservati u li mhumiex iffinanzjati, u minnhom inaqqsu l-kontribuzzjonijiet soċjali eventwali ta' min iħaddem.

Il-varjabbli D.122 tinkludi b'mod partikolari l-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem attribwiti għall-pensjonijiet u għall-kura tas-saħħa. Dan jinkludi wkoll ammont ta' l-istess valur tal-pagi u s-salarji li min iħaddem ikompli jħallas temporanjament fil-każ ta' mard, maternità, korriment industrijali, diżabilità, telfien tax-xogħol, eċċ. ta' l-impjegati tiegħu, jekk dan l-ammont ikun jista' jiġi separat.

Jingħataw eżempji fl-Appendiċi ta' l-Anness II.

Referenza ESA 95: 4.10 (kodiċi D.122) u 4.12(c)

D.1221 *Ħlas garantit f'każ ta' mard*

Din il-varjabbli tkopri l-ammonti mħallsa direttament minn min iħaddem lill-impjegati biex jibqgħu jitħallsu f'każ ta' mard, maternità jew inċident waqt ix-xogħol bħala kumpens għat-telf ta'qligħ, bit-tnaqqis ta' rimborżi mħallsa minn istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

D.1222 *Il-kontribuzzjonijiet soċjali għall-pensjonijiet u għall-kura tas-saħħa li huma responsabilità ta' min iħaddem*

Dan il-komponent ta' D.122 ikopri pagamenti attribwiti lil skemi ta' pensjoni u kura tas-saħħa mhux iffinanzjati, b'mod partikolari fis-settur tal-gvern. F'ċerti pajjiżi Ewropej, min iħaddem fis-settur ġenerali tal-gvern jopera skemi ta' pensjoni mhux iffinanzjati jew għall-impjegati kollha jew għall-gruppi speċifiċi ("l-uffiċjali"). F'dawn il-każijiet, min iħaddem ma joħloqx riżervi speċjali jew jakkumula assi biex iħallas pensjonijiet futuri. Għal dawn l-impjegati, għandhom jiġu kkunsidrati l-pagamenti attribwiti ta' min iħaddem lil skemi ta' pensjoni u ta' kura tas-saħħa.

D.1223 *Pagamenti lill-impjegati li jitilqu l-intrapriża*

Dan il-komponent jirrappreżenta somom attwalment imħallsa lill-impjegati mkeċċija (ħlas u kumpens għall-qtugħ minflok avviż) jekk dawn il-pagamenti jkunu marbuta ma' ftehim kollettiv jew jekk l-eżistenza ta' rabta bħal din ma tkunx magħrufa. Pagamenti mhux marbuta ma' ftehim kollettiv huma inklużi taħt D.11112.

Pagamenti magħmula lill-ħaddiema meta dawn jirtiraw, per eżempju bħala parti mid-dritt tal-pensjoni tagħhom, *m'għandhomx* jiġu inklużi taħt D.1223.

D.1224 *Kontribuzzjonijiet soċjali oħra attribwiti*

Dan il-punt jirreferi għall-kontribuzzjonijiet soċjali attribwiti l-oħra kollha ta' min iħaddem li mhumiex imsemmija xi mkien ieħor, bħalma huma l-għotjiet għal studju lill-impjegati u l-familji tagħhom jew ħlas garantit fil-każ ta' ġranet qosra ta' xogħol. Dan ta' l-aħħar huwa definit bħala pagament dirett ta' min iħaddem lill-impjegati biex jinżamm il-ħlas fil-każ ta' ġranet qosra ta' xogħol bit-tnaqqis ta' kwalunkwe rimborż imħallas minn istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali lil min iħaddem.

D.123 *Il-kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa minn min iħaddem għall-apprendisti*

Din il-varjabbli hija s-somma tal-kontribuzzjonijiet attwalment imħallsa u kull kontribuzzjoni attribwita għall-apprendisti. Il-kontribuzzonijiet soċjali attribwiti għall-apprendisti, jekk ikun hemm, normalment ikunu żgħar ħafna.

Referenza ESA 95: 4.09 (kodiċi D.121), 4.10 (kodiċi D.122) u 4.12(b)

D.2 *L-ispejjeż tat-taħriġ vokazzjonali mħallsa minn min iħaddem*

Dawn jinkludu: l-infiq fuq servizzi u faċilitajiet għal taħriġ vokazzjonali (ukoll dawk għall-apprendisti imma mhux il-pagi u s-salarji tagħhom), tiswijiet żgħar u manutenzjoni ta' bini u installazzjonijiet, eskluża l-ispejjeż ta' l-impjegati; l-infiq fuq il-parteċipazzjoni f'korsijiet; il-ħlas ta' esperti li ġejjin minn barra l-intrapriża; l-infiq fuq affarijiet għall-għajnuna tat-tagħlim u għodda għat-taħriġ; ammonti mħallsa mill-intrapriża lill-għaqdiet ta' taħriġ vokazzjonali, eċċ. Sussidji marbutin mat-taħriġ vokazzjonali għandhom jitnaqqsu.
Referenza ESA 95: Il-konsum intermedjarju

D.3 *Infiq ieħor imħallas minn min iħaddem*

Dan jinkludi b'mod patikolari:

— l-ispejjeż tar-reklutaġġ (dawn huma l-ammonti mħallsa lill-aġenziji tar-reklutaġġ, l-infiq fuq reklami fil-mezzi ta' l-istampa, l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għan-nies imsejħin għall-intervista, *allowances* ta' l-installazzjoni mħallsa lill-impjegati l-ġodda, eċċ. Dan ma jinkludix l-ispejjeż amministrattivi rikorrenti (l-ispejjeż ta' l-uffiċċju, pagi ta' l-impjegati, eċċ.);

— ilbies għax-xogħol ipprovdut minn min iħaddem.

L-Appendiċi għall-Anness II jipprovdi eżempji.

Referenza ESA 95: Il-konsum intermedjarju

D.4 *Taxxi mħallsa minn min iħaddem*

Dan il-varjabbli jkopri t-taxxi kollha bbażati fuq il-kont tal-pagi u s-salarji jew fuq l-impjieg. Dawn it-taxxi jitqiesu bħala spejjeż tax-xogħol.

Il-varjabbli D4 ukoll ikopri taxxi ta' piena li f'ċerti pajjiżi Ewropej jridu jitħallsu minn min iħaddem bħala konsegwenza talli jħaddmu ftit wisq persuni bi bżonnijiet speċjali, u taxxi jew ħlasijiet simili.

Referenza ESA 95: 4.23(c) (kodiċi D.29)

D.5 *Sussidji li jirċievi min iħaddem*

Dawn huma kollha somom li jkunu waslu fil-forma ta' sussidji ta' natura ġenerali maħsuba bħalaħlas lura għall-ispiża ta' remunerazzjoni diretta fl-intier jew f'parti minnha, iżda mhux maħsuba biex ikopru spejjeż tas-sigurtà soċjali jew ta' taħriġ vokazzjonali. Dawn ma jinkludux ħlas imħallas lura lil min iħaddem minn istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew minn fondi supplementari ta' l-assigurazzjoni.

Referenza ESA 95: 4.37(a) (kodiċi D.39)

Appendiċi ma' l-Anness II

Eżempji ċari għall-klassifikazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' l-ispejjeż tax-xogħol

D.11111: Ħlas dirett, bonuses u allowances imħallsa f'kull perjodu ta' paga

Pagamenti li jaqgħu taħt il-kategorija ta' l-ispejjeż tax-xogħol D.11111 għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:

Huma: tranżazzjonijiet ta' flus mingħand dak li jħaddem għal għand l-impjegat.

M'humiex:

— imħallsa fuq bażi *ad-hoc* jew bi frekwenza anqas minn dik tal-pagamenti regolari tal-ħlas (dawn jaqgħu taħt D.11112)

— pagamenti mhux bil-flus (dawn jaqgħu taħt D.1114)

— pagamenti fi skema ta' tifdil għall-impjegati (dawn jaqgħu taħt D.1112)

— pagamenti maħsuba biex ikopru perjodu speċifiku li fih ma jsirx xogħol (dawn jaqgħu taħt D.1113 jew, fil-każ ta' mard, taħt D.1221).

Dawn jistgħu:

— jkunu *bonuses* imħallsa għal riskji fuq ix-xogħol jew xogħol bix-*shift*

— jkunu mħallsa kull ġimgħa jew kull xahar skond il-perjodu normali tal-paga

— jirriflettu r-rendiment ta' impjegat jew ta' grupp ta' impjegati

Eżempji: Ħlas li jaqa' taħt il-varjabbli D.11111

Kategorija	Deskrizzjoni
Allowance ta' l-espatriajazzjoni/*allowance* ta' l-għoli tal-ħajja	Ħlas lill-impjegati li jaħdmu barra mill-pajjiż ta' l-oriġini jew tar-residenza tagħhom/id-domiċilju normali tagħhom biex jirrifletti d-differenza fl-għoli tal-ħajja
Allowance tad-dar	Ħlas għall-ispejjeż ta' l-akkomodazzjoni
Ħlas għax-xogħol jew għal każi fejn jissejħu għax-xogħol	Ħlas għall-impjegati li jridu jkunu disponibbli biex jaħdmu tul perjodi li m'humiex is-sigħat normali ta' xogħol
Paga addizjonali għal riskji jew perikli	*Bonus* imħallas lill-impjegati fejn hemm riskji speċifiċi li għandhom x'jaqsmu max-xogħol, per eżempju kimiċi perikoluż
Allowance għal ħin imnaqqas ta' xogħol	Ħlas ekstra (mhux garantit) bħala kumpens totali jew f'parti lill-impjegati minħabba tnaqqis fil-ħin normali tax-xogħol. (Ħlas garantit jaqa' taħt D.1224)
Kummissjonijiet tal-bejgħ	*Bonus* marbut man-numru ta' prodotti mibjugħa
Paga tas-sahra	Ħlas ta' *bonus* għal sigħat maħduma aktar mis-sigħat normali ta' xogħol
Allowance ta' ritenżjoni	Ħlas kontinwu biex jinkoraġġixxi jew jorbot lill-impjegati eżistenti biex jibqgħu ma' min iħaddimhom
Ħlas skond ir-riżultati	Ħlas ta' *bonus* li jiddependi fuq in-numru ta' prodotti pproċessati mill-impjegat, per eżempju n-numru ta' oġġetti ta' l-ilbies magħmula
Paga għax-*shift*	Ħlas *bonus* għal xogħol waqt sigħat mhux standard, per eżempju matul il-lejl

D.11112: Ħlas dirett, bonuses u allowances mhux imħallsa f'kull perjodu ta' paga

Pagamenti li jaqgħu taħt il-kategorija ta' l-ispejjeż tax-xogħol D.11112 għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:

Huma: tranżazzjonijiet ta' flus mingħand dak li jħaddem għal għand l-impjegat.

M'humiex:

— imħallsa f'kull perjodu ta' paga (dawn jistgħu jaqgħu taħt D.11111)

— pagamenti mhux fi flus (dawn jaqgħu taħt D.1114)

— pagamenti fi skema ta' tifdil għall-impjegati (dawn jaqgħu taħt D.1112)

— pagamenti maħsuba biex ikopru perjodu speċifiku li fih ma jsirx xogħol (dawn jaqgħu taħt D.1113 jew, fil-każ ta' mard, taħt D.1221).

Dawn jistgħu:

— jkunu *allowance* għal spejjeż jew infiq speċifiku

— jirriflettu r-rendiment ta' impjegat jew ta' grupp ta' impjegati

— jkunu pagament obbligatorju stipulat fil-kuntratt ta' l-impjieg jew fil-ftehim kollettiv

— jkunu pagament diskrezzjonali

— jitħallsu jew fi żminijiet varji jew fi żminijiet fissi matul is-sena

Eżempji: Ħlas li jaqa' taħt il-varjabbli D.11112

Kategorija	Deskrizzjoni
Għotja eċċezzjonali għal servizz twil	Imħallsa darba meta impjegat ikun ħadem għal numru speċifiku ta' snin ma' l-istess persuna li thaddmu
Bonus tat-tluq jew ta' l-irtirar	Ħlas fuq it-tluq jew l-irtirar mill-impjieg, mhux assoċjat mad-drittijiet tal-pensjoni, jekk dawk il-pagamenti ma jkunux marbuta ma' ftehim kollettiv. (Min-naħa l-oħra, jew jekk ma jkun hemm l-ebda informazzjoni dwar xi rabta possibbli, dawn il-pagamenti jaqgħu taħt D.1223.)
Golden handshake	Ħlas eċċezzjonali lill-impjegati li ser iħallu l-intrapriża jekk dawk il-pagamenti ma jkunux marbuta ma' ftehim kollettiv. (Min-naħa l-oħra, jew jekk ma jkun hemm l-ebda informazzjoni dwar xi rabta possibbli, pagamenti eċċezzjonali tal-*leave* jaqgħu taħt D.1223.)
Inċentiva għar-reklutaġġ	Ħlas uniku mogħti lill-impjegat ġdid fil-bidu ta' l-impjieg
Arretrati ta' paga mħallsa b'lura	Pagamenti li jirrapreżentaw żidiet fil-ħlas dirett li jkunu applikati b'mod retroattiv
Bonus ta' inkorporazzjoni bejn kumpaniji	Pagament ta' darba li jsir lill-impjegati b'riżultat ta' inkorporazzjoni ta' kumpanija
Għotjiet ta' rikonoxximent għall-impjegati	Pagament eċċezzjonali mogħti minn min iħaddem li jiddistingwi individwi jew gruppi ta' impjegati

Kategorija	Deskrizzjoni
Bonuses tal-produttività/għotjiet mogħtija meta jintlaħqu l-miri tar-rendiment	Pagamenti li jiddependu fuq il-fatt li impjegat jew grupp ta' impjegati jilħqu miri stabbiliti minn qabel, per eżempju fir-rigward tal-bejgħ, servizz lill-konsumatur jew baġits
Bonus speċjali ta' festa	Mogħti fiż-żmien ta' ċerti festi, per eżempju l-Milied
Qsim tal-profitti tal-kumpanija u drittijiet fuq iż-żieda fl-istokks	Ħlas fi flus li jiddependi fuq il-profitt tal-kumpanija. Drittijiet fuq iż-żieda fl-istokks jirrappreżentaw forma ta' qsim fil-profitti tal-kumpanija fejn impjegat jieħu d-dritt ta' pagament futur fi flus ibbażat fuq iż-żieda fil-prezz ta' l-ishma tal-kumpanija minn xi livell speċifikat fuq perjodu ta' żmien speċifikat. Drittijiet fuq iż-żieda fl-istokks għandhom jiġu evalwati fiż-żmien tal-pagament fi flus u għandhom jirreferu għall-imsemmi żmien, minghajr ma jiġi kkunsidrat il-valur fid-data ta' l-għotja jew it-tul tal-perjodu tal-*vesting period*.
Bonus tal-kumpanija ta' kull tliet xhur	Imħallas kull tliet xhur, ibbażat fuq il-profitt jew fuq ir-rendiment ta' min iħaddem (meta l-perjodu tal-paga ma jkunx ta' kull tliet xhur)
Paga tat-13 jew l-14-il xahar	Pagamenti ekstra fis-sena
Bonus annwali tal-kumpanija	Imħallas darba fis-sena u jiddependi fuq il-profitt jew ir-rendiment ta' min iħaddem

D.1113: Ħlas għal ġranet mhux maħduma

Eżempji: Ħlas li jaqa' taħt il-varjabbli D.1113

Kategorija	Deskrizzjoni
Paga għall-vaganzi	Ħlas lill-impjegati li jkopri ġranet mhux maħduma minħabba festi annwali, nazzjonali jew lokali. (Ħlas magħmul minn min iħaddem biex ikopri l-assenza ta' l-impjegati minħabba mard jew *leave* tal-maternità jitqies bħala kontribuzzjoni soċjali ta' min iħaddem taħt D.1221.)
Leave speċjali	Ħlas lill-impjegati li jkopri ġranet mhux maħduma minħabba raġunijiet personali speċjali, per eżempju żwieġ, mewt ta' membri tal-familja, rappreżentazzjoni ta' l-*union*, servizz militari jew ta'ġurija. (Ħlas magħmul minn min iħaddem biex ikopri l-assenza ta' l-impjegati minħabba mard jew *leave* tal-maternità jitqies bħala kontribuzzjoni soċjali ta' min iħaddem taħt D.1221.)

D.1114: Pagi u salarji mhux biflus u l-komponenti tagħhom

Eżempji: Pagi u salarji li jaqgħu taħt il-varjabbli D.1114

Kategorija	Deskrizzjoni	Aktar analiżi
Traħħis ta' prodotti	Min iħaddem ibigħ prodotti lill-impjegati b'rati mnaqqsa. Id-dħul f'oġġetti huwa ugwali għad-differenza bejn il-prezz tas-suq u l-prezz imnaqqas.	D.11141
Akkomodazzjoni b'xejn jew issussidjata	Min iħaddem iħallas it-total ta' jew parti mill-ispejjeż l-akkomodazzjoni ta' l-impjegati. Għal darb'oħra, il-valur tad-dħul f'oġġetti jintlaħaq billi jitqabbel mal-prezz tas-suq.	D.11142
L-użu ta' karozza ta' proprjetà ta' min iħaddem	Min iħaddem iħallas l-ispejjeż għall-karozza ta' proprjetà ta' min iħaddem u li tkun disponibbli għall-impjegat għall-użu tal-kumpanija kif ukoll għall-użu personali. (Id-dħul f'oġġetti jirreferi għall-valur ta' l-użu tal-karozza privata.)	D.11143

Kategorija	Deskrizzjoni	Aktar analiżi
Petrol b'xejn jew sussidjat	Min iħaddem iħallas it-total jew parti mill-ispejjeż privati tal-fjuwil ta' l-impjegat assoċjat ma' l-użu ta' karozza ta' proprjetà ta' min iħaddem. Id-dħul f'oġġetti huwa daqs il-valur tal-flus ta' dan il-benefiċċju.	D.11143
Skemi ta' xiri ta' ishma	Pagamenti mhux fi flus ibbażati fuq ishma fejn l-ishma jingħataw lill-impjegati bħala parti mill-pakketti tal-kumpens tagħhom. L-impjegat jirċievi l-ishma mingħajr dewmien bi prezz anqas mill-prezz tas-suq. (Id-drittijiet fuq iż-żieda fl-istokks huma forom ta' kumpens ibbażati fuq ishma mħallsa fi flus u għandhom jaqgħu taħt D.11112.)	D.11144
Id-dritt tax-xiri ta' l-istokks	Pagamenti mhux fi flus ibbażati fuq ishma fejn l-ishma jingħataw lill-impjegati bħala parti mill-pakketti tal-kumpens tagħhom. L-impjegat jirċievi d-dritt li jixtri ishma fi żmien iddefinit sew fil-futur bi prezz diġà ffissat fil-preżent. (Id-drittijiet fuq iż-żieda fl-istokks huma forom ta' kumpens ibbażati fuq ishma mħallsa fi flus u għandhom jaqgħu taħt D.11112)	D.11144
Ipparkjar b'xejn jew sussidjat fuq il-post tax-xogħol	Min iħaddem jipprovdi faċilitajiet għall-ipparkjar għall-impjegati bi prezz imnaqqas jew b'xejn lill-impjegat. Id-dħul f'oġġetti huwa daqs il-valur tal-flus ta' dan il-benefiċċju.	D.11145
Użu b'xejn jew sussidjat ta' telefon ċellulari	Min iħaddem jipprovdi telefon ċellulari għall-użu tax-xogħol u privat u jħallas l-ispejjeż kollha assoċjati. Id-dħul jikkorrispondi għall-valur tal-flus ta' dan il-benefiċċju.	D.11145
Vjaġġar b'xejn jew sussidjat bejn id-dar u l-post tax-xogħol	L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar ta' l-impjegati bejn id-dar u l-post tax-xogħol huma mħallsa fit-total jew f'parti. Id-dħul f'oġġetti huwa daqs il-valur tal-flus ta' dan il-benefiċċju, bħal aktar 'il fuq.	D.11145
Ikliet b'xejn jew sussidjati	L-ikliet huma pprovduti minn min iħaddem bi prezz imnaqqas jew b'xejn lill-impjegat. Id-dħul f'oġġetti huwa daqs il-valur tal-flus, bħal aktar 'il fuq.	D.11145

D.121: Il-kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem

Eżempji: Ħlas li jaqa' taħt il-varjabbli D.121

Kategorija	Deskrizzjoni	Aktar analiżi
Pagamenti ta' min iħaddem fi skema ta' assigurazzjoni għal diżabilità	Ħlas regolari ffinanzjat ta' min iħaddem fl-iskema ta' assigurazzjoni	D.1211
Il-pagamenti statutorji ta' min iħaddem f'fondi tal-pensjoni	Min iħaddem iħallas waqt il-ħidma fi skema ta' pensjoni li tinvolvi fond tas-sigurtà soċjali, intrapriża ta' l-assigurazzjoni jew fond awtonomu tal-pensjoni	D.1211
Żieda fil-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni minn min iħaddem	Min iħaddem iħallas kontribuzzjoni żejda fl-iskema tal-pensjoni ta' l-impjegat	D.1212

D.122: Il-kontribuzzjonijiet soċjali attribwiti ta' min iħaddem

Eżempji: Ħlas li jaqa' taħt il-varjabbli D.122

Kategorija	Deskrizzjoni	Aktar analiżi
Ħlas waqt *leave* tal-maternità	Min iħaddem iħallas direttament lill-impjegat matul il-maternità bħala kumpens tat-telf fid-dħul	D.1221
Kontribuzzjonijiet soċjali attribwiti ta' min iħaddem għall-pensjonijiet ta' impjegati taċ-Ċivil	Min iħaddem ma jagħmilx pagamenti fi skema tal-pensjoni matul l-impjieg tal-persuna. Il-pensjonijiet imbagħad jitħallsu mill-istess riżorsi ta' min iħaddem	D.1222
Ħlas fi skemi ta' rtirar kmieni għal part-timers	Pagamenti addizzjonali magħmula minn min iħaddem fi skemi ta' rtirar kmieni għal impjegati part-time	D.1222
Ħlas tat-tkeċċija bbażati fuq ftehim kollettiv	Min iħaddem iħallas direttament lill-impjegati li ser jitilqu mill-intrapriża	D.1223
Għotjiet għall-studju	Min iħaddem iħallas parti minn jew it-total ta' l-ispiża ta' taħriġ mhux relatat max-xogħol li jsir barra mill-intrapriża	D.1224
Għotja għaż-żwieġ jew twelid tat-tfal	Ħlas magħmul lill-impjegat wara dan l-avveniment	D.1224
Edukazzjoni għat-tfal b'xejn jew sussidjata	L-ispejjeż ta' l-edukazzjoni għat-tfal ta' l-impjegati jiġu mħallsa b'mod sħiħ jew parzjali	D.1224
Allowance għal xogħol b'ħin imnaqqas	Ħlas garantit bħala kumpens totali jew parzjali lill-impjegati minħabba tnaqqis fil-ħin normali tax-xogħol. (Ħlas addizzjonali, imħallas f'kull perjodu, jaqa' taħt D.11111)	D.1224

D.2: Taħriġ vokazzjonali mħallas minn min iħaddem

Eżempji: Ħlas li jaqa' taħt il-varjabbli D.2

Kategorija	Deskrizzjoni
Ħlas ta' għalliema li ġejjin minn barra l-intrapriża	Spejjeż relatati ma' taħriġ vokazzjonali għall-impjegati, per eżempju taħriġ organizzat f'għamla ta' seminars fl-intrapriża (is-sussidji, jekk ikun hemm, jaqgħu taħt D.5 u jridu jiġu eskluż i).
Infiq fuq għajnuna għat-tagħlim	Spejjeż relatati ma' taħriġ vokazzjonali, per eżempju taħriġ f'għamla ta' korsijiet elettroniċi ibbażati fuq l-Intranet żviluppati minn kumpaniji speċjalizzati (is-sussidji, jekk ikun hemm, jaqgħu taħt D.5 u jridu jiġu eskluż i).

D.3: Infiq ieħor minn min iħaddem

Eżempji: Ħlas li jaqa' taħt il-varjabbli D.3

Kategorija	Deskrizzjoni
Allowance għall-ilbies	Imħallsa f'xogħlijiet fejn ikunu meħtieġa ħwejjeġ speċjali, per eżempju għall-protezzjoni jew għall-preżentazzjoni u fejn dawn ma jkunux maħsuba għall-użu personali
Spejjeż tar-reklutaġġ	Spejjeż ta' l-aġenziji tar-reklutaġġ jew reklami għall-impjiegi
Allowance ta' l-installazzjoni jew ġarr	Imħallsa meta l-impjegat ikun mitlub li jibdel il-post tar-residenza

ANNESS III

IT-TRASMISSJONI TAD-DATA INKLUŻA ANALIŻI SKOND L-ATTIVITÀ EKONOMIKA, ID-DAQS TAL-KLASSIJIET TA' L-INTRAPRIŻA U L-PAJJIŻ JEW IR-REĠJUN

Iridu jingħataw tliet *files*, li jikkorrispondu għat-Tabelli A, B u C:

— It-Tabella A għandha tagħrif nazzjonali (rekord wieħed għal kull attività ekonomika fil-livelli tas-sezzjoni u tad-diviżjoni ta' NACE Rev. 1.1)

— It-Tabella B għandha tagħrif nazzjonali skond id-daqs tal-klassijiet (rekord wieħed għal kull attività ekonomika fil-livelli tas-sezzjoni u tad-diviżjoni ta' NACE Rev. 1.1, għal kull waħda mill-klassi tad-daqs)

— It-Tabella C għandha tagħrif reġjonali fil-livell NUTS 1 (rekord wieħed għal kull attività ekonomika fil-livelli tas-sezzjoni u tad-diviżjoni ta' NACE Rev. 1.1, għal kull wieħed mir-reġjuni).

It-Tabella C mhix neċessarja għal dawk il-pajjiżi fejn NUTS 1 jikkorrispondi mal-livell nazzjonali. Għall-parti sekondarja ta' varjabbli elenkati fl-Anness I, hija neċessarja biss it-tabella A. Dawn il-varjabbli huma mmarkati fl-Anness I.

Identifikazzjoni ta' rekord

Ir-rekords huma mqassmin skond sekwenza ta' identifikazzjoni li għandha l-kategoriji li ġejjin:

— is-sena ta' l-istħarriġ,

— it-tip ta' tabella,

— il-kodiċi tal-pajjiż jew tar-reġjun,

— l-attività ekonomika u

— id-daqs tal-klassi.

Il-kodiċi tat-trasmissjoni għall-

— l-attivitajiet ekonomiċi ta' NACE Rev. 1.1,

— id-daqs tal-klassijiet għall-intrapriżi u

— il-pajjiżi jew ir-reġjuni

huma stabbiliti minn Eurostat f'dokument ta' implimentazzjoni.

Il-Marka tal-Kunfidenzjalità

Ir-rekords individwali trasmessi għat-Tabelli A, B u C jikkonsistu *f'data* miġbura f'daqqa, jiġifieri stimi tal-popolazzjoni. Meta jkun strettament neċessarju, rekords individwali jistgħu jiġu mmarkati bħala "kunfidenzjali". Jista' jkun hemm ksur tal-kunfidenzjalità fit-Tabelli A, B jew C jekk in-numru ta' l-intrapriżi jew tal-fergħat lokali fil-popolazzjoni jkun żgħir ħafna għal rekord individwali relatat ma' attività ekonomika, daqs tal-klassi jew reġjun partikolari. Ovvjament, ir-riskji huma akbar meta r-rekord individwali jkollu x'jaqsam ma' fergħa jew tnejn kbar. Bl-istess mod, ir-riskju għall-kunfidenzjalità jista' jkun ogħla għat-Tabelli B u C minħabba l-analiżi addizzjonali skond id-daqs tal-klassi u skond ir-reġjun rispettivament. Se jintużaw żewġ kodiċi biex ikunu identifikati rekords kunfidenzjali:

"1" jekk id-data ta' rekord individwali fit-Tabella A, B jew C tkun kunfidenzjali [1];

" ": jekk id-data ma tkunx kunfidenzjali, daħħal spazju " " (mhux żero jew linja "–").

[1] Meta rekord individwali ikun mmarkat bħala kunfidenzjali, Eurostat jieħu l-azzjoni xierqa biex jipproteġi l-kunfidenzjalità tad-data mressqa għat-Tabelli A, B u C.

Il-varjabbli

Il-varjabbli mitluba huma definiti fl-Anness I. In-numri għandhom jiddaħħlu mingħajr spazji, punti jew virgoli (per eżempju, 13967 huwa korrett; dawn li ġejjin m'humiex korretti: 13 967 jew 13.967 jew 13,967).

Varjabbli nieqsa (jew żero) għandhom ikunu *kodifikati* skond ir-regoli li ġejjin:

"NA" meta l-varjabbli ma jkunx disponibbli (anke jekk dan tassew jeżisti u jkun akbar minn żero).

"OPT" meta l-varjabbli ma jkunx obbligatorju u ma jkunx kompletat.

"0" għall-valuri żero, jew għal dawk il-varjabbli li ma jeżistux fil-pajjiż konċernat.

Il-varjabbli għan-numru ta' impjegati, il-ħin tax-xogħol u n-numru ta' unitajiet statistiċi għandhom jiġu espressi f'termini assoluti, jiġifieri billi jingħataw in-numri sħaħ (mhux deċimali, għaxriet, eluf, miljuni, eċċ).

Il-varjabbli li għandhom x'jaqsmu man-nefqa għandhom jiġu espressi fil-munita nazzjonali tal-pajjiż konċernat. Għall-pajjiżi fiż-żona euro, in-numri għandhom jiġu espressi f'euros. L-unitajiet użati f'kull pajjiż għandhom ikunu identiċi għall-varjabbli kollha u għandhom jiġu espressi f'termini assoluti, jiġifieri billi jingħataw in-numri sħaħ (mhux deċimali, għaxriet, eluf, miljuni, eċċ).

Trażmissjoni

L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-data u l-metadata mitluba minn dan ir-Regolament f'format elettroniku skond standard ta' skambju propost mill-Eurostat. Eurostat ser jagħmel disponibbli dokumentazzjoni dettaljata fir-rigward ta' standards approvati u ser jipprovdi linji ta' gwida dwar kif jiġu implimentati dawn l-istandards skond il-ħtiġijiet ta' dan ir-Regolament.